MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 2360/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited (C-597)**

**vs**

**Charles Abdilla u Christopher Abdilla.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Dicembru 2004, fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tlieta u disghin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm393.81) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' hlasijiet minnha effettwati ai termini ta' l-Att Dwar Assigurazzjoni ta' vetturi tal-mutur ghar-riskji ta' terzi persuni (Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta) u dana in konnessjoni ma' proceduri fl-ismijiet Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Emmanuel Vella vs Christopher Abdilla (Deciza 21

ta' Lulju 2004) li kienu jirrigwardaw incident stradali li sehh fl-1 ta' Mejju 1998 gewwa B'Bugia bejn il-vettura misjuqa mill-konvenut Christopher Abdilla bin-numru ta' registrazzjoni KAG 817 proprjeta' tal-konvenut l-iehor Charles Abdilla u minnu assikurata mas-socjeta' attrici u l-vettura proprjeta' ta' Emmanuel Vella bin-numru ta' registrazzjoni BAR 318 u dana wara li l-konvenuti naqqsu milli jinformaw lis-socjeta' attrici dwar l-incident de quo u l-istess proceduri gudizzjarji msemmija bhal ma kienu obbligati li jaghmlu ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni relattiva liema nuqqas awtomatikament jinvalida l-imsemmija polza u jintitola lis-socjeta' attrici sabiex tirkupra l-ammonti minnha mhallsa ai termini ta l-istess;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji prezentati kontestwalment ma' dan l-avviz u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta' dana l-att sal-hlas effettiv ghas-saldu kontra l-konvenuti ngunti minn issa in subizzjoni;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2005, meta gew epprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tlieta u disghin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm393.81) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji u kif ukoll ta' dina l-istanza a karigu tal-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------